# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 2**

**Appell Kostituzzjonali Numru 79/2011/1 JA**

**Alfred Agius; u b'dikriet tad-29 ta' April 2021 il-kawża tkompliet fl-isem ta' Diane Camilleri u James Agius minflok Alfred Agius li miet waqt il-mixja tal-kawża**

***v.***

**Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, illum Awtorità tal-Ippjanar**

1. Dan il-provvediment huwa dwar rikors tal-atturi tat-30 ta' Settembru 2021 biex il-qorti tisma' x-xiehda ta' rappreżentant tal-awtorità attriċi.

2. Dwar il-każ PA/06989/17 – li huwa l-bina murija bl-ittra Ċ fuq il-pjanta *a fol.* 142 – il-qorti tosserva illi dwar iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ġà xehed Kevin Ciantar, *senior enforcement officer* tal-awtorità konvenuta, fit-12 ta' Ġunju 2015 u fis-6 ta' Novembru 2015. Fit-12 ta' Ġunju 2015 qal hekk:

> »Fuq it-tieni binja bl-ittra Ċ u mmarkata bl-aħdar dina nbniet wara l-1967. Fil-fatt inbniet fit-tmeninijiet. Għaldaqstant riedet permess. Riċentament ikkuntattjajna lil dan il-bniedem. Aħna permessi ma sibniex. Però fuq waħda mill-*plotting sheets* li kienu … d-dokumenti li kienu jimmarkaw fejn

kienu jkunu l-applikazzjonijiet … sibna referenza għal xi applikazzjoni. Però meta ppruvajna nġibu dan il-permess mill-arkivji, dan il-permess ma setax jinstab, jew applikazzjoni. Għaldaqstant ma nistax nikkonkludi jekk kienx hemm permess *per se* jew kinitx applikazzjoni li mbagħad ġiet rifjutata … … …. Meta kellimna lil dan il-bniedem qalilna għandu permess u qiegħed fil-proċess biex ifittxilna dan il-permess u jtina kopja tiegħu. Fin-nuqqas li ma jipproduċiex dan il-permess ħa nipproċedu b'*enforcement notice* ukoll fuq dan il-każ.«

3. Fis-6 ta' Novembru 2015 kompla xehed hekk:

> »Fuq il-każ li kien għad fadal li konna sal-aħħar seduta konna għadna qed nagħmlu l-investigazzjonijiet tagħna, jiġifieri *villa number 88*, minn dak iż-żmien 'l hawn l-*owner* ta' dik is-*site*, kif kien wegħdna li ħa jagħmel jiġifieri, fittex, għax kien qalilna li hu permess kien għandu għax aħna minn naħa tagħna ma sibniex. Fil-fatt kien tana kopja ta' permess PB1652/80 … li kien biex tinbena din il-*bungalow* però, meta għamilna t-taqbila bejn dan il-permess … u x'hemm *on site*, xorta sibna xi differenzi. Jiġifieri dan għalkemm kellu permess ma mexiex eżatt mal-permess. Fuq dak ir-rigward inħarġet *enforcement notice* oħra ECF155/15 rigward dawn id-devjazzjonijiet li kien hemm il-permess. … … …«

4. Minkejja dan jidher li flok ordni ta' twettiq inħareġ permess "*to sanction as built villa in 1981 and sanctioning of garage, pool and landscaping*" [*sic*].

5. Billi f'dawn iċ-ċirkostanzi jidher li hija meħtieġa spjegazzjoni għala f'dan il-każ inħareġ il-permess u fil-każ tal-atturi ma nħariġx, huwa xieraq li jerġa' jixhed rappreżentant tal-awtorità konvenuta biex jagħti r-raġuni għad-deċiżjoni tal-awtorità.

6. Dwar il-każ PA/1800/2020 jidher, kif tosserva l-awtorità konvenuta fit-tweġiba tagħha għar-rikors, illi dan il-każ ma għandux relevanza għall-għanijiet tal-kawża billi huwa żvilupp agrikolu mhux residenzjali.

7. Il-qorti għalhekk tipprovdi billi tordna li jinstema' rappreżentant tal-awtorità konvenuta dwar il-każ PA/06989/17 biss.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da